**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 22 ta' Marzu, 2018**

**Mandat Nru: 312/2018/1 AF**

**David u Isabelle konjugi Bonett**

**vs**

**Deluxe Properties Limited (C-63762)**

**u**

**Victor Vella ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' David u Isabelle konjugi Bonett li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, talbu lil din il-Qorti zzomm lill-intimati milli jwettqu jew ikomplu jwettqu, direttament jew tramite terzi, xogholijiet ta' twaqqiegh, thaffir, skavar, tqattiegh, thammil, zvilupp, kostruzzjoni jew kwalunkwe xoghol iehor fuq is-sit li jinsab fi Triq it-Torri, b'access sekondarju fuq Triq San Giljan, B'Kara.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba ta' Deluxe Properties Limited.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba ta' Victor Vella.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Marzu 2018 fejn gie deciz illi bi qbil bejn il-partijiet il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors fil-konfront ta' Deluxe Properties Limited.

Fl-istess seduta gie dikjarat ukoll mill-intimat illi mhuwiex ser isir aktar skavar f'inqas mid-distanza imposta mill-ligi mal-hajt divizorju li jmiss mal-proprjetà tar-rikorrenti.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment kif gej:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward huwa car u kostanti, fis-sens illi l-provvediment tal-ligi in ezami jirrikjedi zewg elementi kumulattivi sabiex talba ta' din ix-xorta tirnexxi, u cioè (1) il-jedd *prima facie* u (2) l-pregudizzju.

Fil-kaz in ezami jidher illi effettivament digà sar ammont ta' skavar f'distanza ta' anqas minn dik permessa mill-ligi.

Ghalkemm jidher ukoll illi dan seta' sar bil-kunsens tal-istess rikorrenti, galadarba ma sar ebda ftehim formali u finali, jibqa' mhux mittiefes id-dritt tar-rikorrenti li jhares li ma jsir ebda xoghol fid-distanza imposta mill-ligi.

Il-pregudizzju li jigi rekat f'kaz li d-distanza ma tinzammx huwa car, tant li digà waqghet parti mill-hajt divizorju li ma setghetx

tregi ghal maltempata wara li giet skavata l-art taht l-istess hajt.

Fic-cirkostanzi ghaldaqstant din il-Qorti tqis illi r-rikjesti tal-ligi fil-kuntest gew sodisfatti u ghalhekk taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tas-26 ta' Frar 2018 sa fejn dan zamm lill-intimati milli jwettqu kull xorta ta' xoghol fuq is-sit, fl-intier tieghu, tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors ta' David u Isabelle Bonett u zzomm lil Victor Vella milli jaghmel kwalunkwe xoghol f'distanza ta' anqas minn 76 centimetru mill-proprjetà tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu minn Victor Vella.

IMHALLEF